ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

21 JUN 2023

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 580**

**It-Tlieta 16 ta' Mejju 2023**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams*, fis-6.09 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Mark Grech - Kunsillier
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Angelo Scicluna – Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier

**ASSENTI**

Ghislaine Bongailas - Kunsilliera

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

## 580.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

580.1.1 Inqraw ittri ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Angelo Scicluna u mis-Sur Joseph Vella fejn talbu li jkunu skużati milli jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Angelo Scicluna u s-Sur Joseph Vella jkunu skużati.

## 580.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

580.2.1 Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-minuti tal-579 laqgħa tal-Kunsill ġew unanimament approvati.

## 580.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

580.3.1 Is-Sindku tkellem dwar ix-xogħlijiet li kienu għaddejin mill-Gvern Ċentrali u qal illi matul il-ġranet li ġejjin kien ser jingħata l-ewwel saff ta' tarmak fi Triq Bormla. Is-Sindku qal ukoll li kien ingħata l-ewwel saff ta' tarmak f'parti minn Triq il-Kapuċċini. Kienu għaddejin ix-xogħlijiet fi Triq Santa Duminka u kien għaddej aktar xogħol fil-parti t'isfel ta' Triq il-Kapuċċini.

580.3.2 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kienet qed issir l-implimentazzjoni tat-*traffic management* fi Triq Alessio Erardi u fi Triq Bieb is-Sultan. Is-Sindku qal illi dan it-*traffic management* sar wara qbil unanimu mill-membri tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li kienu twaħħlu t-tabelli tat-traffiku u r-*road humps* u żied jgħid li fil-ġranet li ġejjin kienet ser issir iż-żebgħa tal-art. Is-Sindku qal illi dwar din l-implimentazzjoni kien hemm reazzjonijiet varji u l-Kunsill kien ser iressaq l-ilmenti u s-suġġerimenti li qed jirċievi mingħand ir-residenti għall-attenzjoni ta' Infrastruttura Malta.

580.3.3 Is-Sindku qal illi kien qed isir xogħol ta' titjib fis-servizzi minn entitajiet mhux governattivi f'diversi toroq madwar il-lokalità.

580.3.4 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kien ser isir eżerċizzju sabiex jiġi organizzat il-parkeġġ f'diversi toroq u biex jinbidlu t-tabelli tat-traffiku skont il-bżonn. Kienu qed jinġabru l-kwotazzjonijiet sabiex jiġi mplimentat il-proġett tal-*mobility* mad-dawra tal-iskola.

580.3.5 Is-Sinjura Anna Calleja qalet li fi Triq il-Mina ta' Hompesch kien hemm tabella tad-*diversion* biex il-vetturi jgħaddu minn Triq Villabate. Is-Sinjura Calleja staqsiet jekk din it-tabella għadx hemm bżonnha. Is-Sindku qal illi dik it-tabella kienet hemm minħabba x-xogħlijiet li kienu għaddejin fi Triq Wied il-Għajn.

580.3.6 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li fuq pressjoni tal-Kunsill, il-*culvert* tal-ilma tax-xita li kien hemm fi Triq Wied il-Għajn ġie mgħotti temporanjament sabiex jitneħħa kull periklu. Is-Sindku żied jgħid li l-*culverts* tal-ilma tax-xita li kien hemm fi Triq Wied il-Għajn kienu ser jinfetħu mill-ġdid.

580.3.7 Is-Sindku qal illi l-*Wasteserv* kienu qed jestendu l-proġett tal-ex venda fi Triq is-Santwarju u kien qed isir *green wall* ieħor mal-ħajt li hemm fi Triq il-Kbira Sqaq Nru 4. Is-Sindku qal illi kien sar inċident u vettura għamlet ħsara fir-*roof garden* li hemm fi Triq Santa Duminka. Is-Sindku spjega li diġa kien hemm rapport tal-pulizija dwar dan.

580.3.8 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kienu twaħħlu t-*traffic lights* fi Triq Labour.

580.3.9 Is-Sindku tkellem dwar il-*cable* tad-dawl li kien intlaqat mill-kuntrattur responsabbli għax-xogħlijiet infrastrutturali f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi. Huwa nforma lill-membri preżenti li parti mill-problema ġiet solvuta u ħafna mill-arbli ornamentali kienu qed jixgħelu. Is-Sur Joseph Agius qal illi kien għad hemm żewġ arbli viċin l-Istitut Dar Sagra Familja u s-Sala Notre Dame li kienu għadhom mitfija. Is-Sindku qal illi kien għadu għaddej ix-xogħol ta' tiswija u din il-ħsara mistennija tiġi riżolta f'qasir żmien. Is-Sindku qal illi x-xogħol sabiex tinxtegħel iż-*zebra crossing* ta' Triq Bormla fil-viċinanzi tal-grawnd tas-St Patrick, mistenni jinbeda kif jitlesta x-xogħol f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi.

580.3.10 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-kuntrattur responsabbli mill-kuntratt tal-manutenzjoni tas-*soft areas* u ż-żbir ta' siġar, kien żabar is-siġra f' Misraħ Alofju Wignacourt.

580.3.11 Is-Sindku rrefera għall-Miżura 3. *Promotional of the Cultural Heritage* u qal illi l-proġett tal-*Mobile App* kien wasal biex jiġi finalizzat.

580.3.12Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva talba sabiex is-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ torganizza l-attività *Beer Festival* fit-8 ta' Lulju f' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi. Is-Sindku qal illi huwa kien notifikat illi fl-istess ġurnata kien hemm ukoll il-festa tal-Fgura u li kien diġa ikkomunika dwar dan mal-membri tal-każin. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill kien ser iressaq din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi meta jkun hemm il-festa tal-Fgura il-karozzi tal-linja kienu jgħaddu minn Vjal il-Kottoner. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li japprova din l-attività. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk din l-attività hix ser tiġi organizzata bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv. Is-Sur Buttigieg semma l-possibilità li l-Kunsill jitlob l-assistenza tal-*Cleansing Department* sabiex jieħu ħsieb it-tindif wara l-attività. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*Beer Festival* irid isir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill biex il-Kunsill iħallas spejjeż marbuta ma' din l-attività.

580.3.13Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għad hemm talbiet pendenti mill-għaqdiet lokali sabiex jittellgħu l-attivitajiet bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill.

580.3.14 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza kunċert fil-Knisja Arċipretali u Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja bil-kollaborazzjoni tal-Kor Notre Dame.

580.3.15 Is-Sur Joseph Agius qal illi l-Kunsill kellu jiltaqa' mal-għaqdiet lokali sabiex jiddiskuti l-*budget* tal-Kunsill mal-għaqdiet lokali. Is-Sur Agius staqsa jekk il-kunċert flimkien mal-Kor Notre Dame kienx ser inkun inkluż f'din l-istrateġija. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv.

**580.4 Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat**

580.4.1 Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitat.

**580.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

580.5.1 Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn id-19 t'April 2023 u s-16 ta' Mejju 2023 li kienet tammonta għal €53,082.31.

580.5.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li flimkien ma' din l-iskeda ta' pagamenti jiġi inkluż il-ħlas tal-Kor Notre Dame li jammonta għal €1,500.

**580.6 Ittri legali**

580.6.1 Inqara rapport li l-Kunsill irċieva mingħand sid il-vettura BRO098 dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa, fejn talbet kumpens ta' €235 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamlet fil-vettura tagħha. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident minħabba li kienu qed isiru xogħlijiet infrastrutturali f'din it-triq minn Infrastruttura Malta u li tintbgħat ittra legali bħala risposta. [1]

**580.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

580.7.1 Il-Viċi Sindku staqsiet f'hix kienet waslet it-talba tagħha li kienet resqet fil-laqgħa preċedenti minħabba nuqqas ta' dawl fi Triq iż-Żagħrun. Il-Viċi Sindku qalet li r-residenti kienu talbu li jiżdied id-dawl f'din it-triq minħabba li t-triq kienet mudlama. Is-Sindku qal illi resident irid jaċċetta li teħel bozza mal-faċċata tiegħu. Il-Viċi Sindku semmiet il-possibilità li jiżdied il-vultaġġ tal-bozza li hemm eżistenti. Il-Viċi Sindku żiedet tgħid li fi Triq iż-Żagħrun kien hemm bozza waħda biss. Is-Sindku talab l-indirizz ta' fejn qiegħda mwaħħla l-lampa preżentament sabiex nibgħatu navżaw lill-kuntrattur responsabbli mid-dawl fit-triq.

580.7.2 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk hux possibli li teħel *traffic light* ma' *trust* f'pożizzjoni għolja fi Triq tal-Labour. Dan sabiex tkun viżibbli mis-sewwieqa

minħabba li fil-ġenb tat-triq kien hemm xi siġar. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv. Is-Sur Buttigieg semma l-ħtieġa li jinżabru s-siġar li hemm fil-viċinanzi tat-*traffic lights*.

580.7.3 Is-Sur Joseph Buttigieg tkellem dwar talba li kien ressaq il-Kunsill biex teħel *u bar* quddiem ħanut fi Triq tal-Labour kantuniera ma' Triq Salvu Pulis u qal li din ma' kinitx ġiet aċċettata minn Transport Malta. Is-Sur Buttigieg staqsa jekk hux possibbli li jsiru *bollards* minflok. Is-Sur Buttigieg qal illi qabel ingħata t-tarmak kien hemm *double line* u wara ma reġax sar.

580.7.4 Is-Sur Mark Grech staqsa jekk hux ser jinqalgħu s-siġar kollha li hemm fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa. Is-Sindku qal illi Infrastruttura Malta ħejjiet rapport minn nies tekniċi u arboristi fis-settur dwar dan u żied jgħid li kienu ser jinqalgħu s-siġar morda, mejta jew invażivi. Is-Sur Mark Grech staqsa lis-Sindku jekk kellux informazzjoni dwar jekk kienux ser jinqalgħu aktar siġar minn Triq il-Kunsill tal-Ewropa. Is-Sindku qal illi ma jafx liema huma s-siġar li ser jinqalgħu. Is-Sur Mark Grech staqsa fejn kien ser isir il-parkeġġ tal-karozzi fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa. Is-Sindku qal illi l-parkeġġ kien ser isir man naħa ta' Park San Klement filwaqt li kien ser ikun hemm karreġġjata waħda 'l fuq u oħra 'l isfel b'*central strip* f'nofshom. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk kinitx ser issir *bicycle lane*. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv.

580.7.5 Is-Sinjura Anna Calleja qalet li fil-laqgħa preċedenti kienet resqet talba sabiex issir bozza ġdida fuq arblu fi Triq Dun Victor Cauchi. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li r-resident li kien talab din il-bozza kien ta informazzjoni ħażina. Is-Sinjura Calleja talbet li minflok il-bozza fuq arblu għandha titwaħħal fi Triq Ġdida fi Triq Patri Feliċjan Grech. Is-Sindku qal illi huwa diġa kien f'komunikazzjoni mal-Korporazzjoni Enemalta dwar dan.

580.7.6 Is-Sinjura Anna Calleja qalet li *ż-zebra crossing* li saru fl-ex venda fi Triq is-Santwarju jaslu eżatt mal-*planters*. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li kien qed isir parkeġġ ħażin u kien qed jinħoloq periklu għall-*pedestrians*. Is-Sindku qal illi kien ser ikellem lill-Perit li ħa ħsieb il-proġett tal-*Urban Greening*.

580.7.7 Is-Sur Joseph Agius qal illi kien hemm virga nieqsa fil-grada tal-bandli fi Ġnien il-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li diġa kienet kellmet lill-ħaddied dwar dan.

**580.8 Mozzjonijiet**

580.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**580.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

580.9.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 20 ta' Ġunju, 2023 fis-6.00 ta' filgħaxija.

580.9.2 Il-laqgħa spiċċat fis-6.50 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-581 laqgħa li saret nhar it-Tlieta 20 ta' Ġunju, 2023.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku